

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/19

tat-18 ta' Diċembru 2020

li tistabbilixxi metodoloġija komuni u format għar-rappurtar dwar l-użu mill-ġdid f'konformità mad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2020) 8976)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 9(7) u 37(7) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2008/98/KE tistabbilixxi obbligu għall-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex iħeġġu l-użu mill-ġdid bħala parti mill-programmi tagħhom għall-prevenzjoni tal-iskart, u biex jimmonitorjaw u jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-miżuri tagħhom dwar l-użu mill-ġdid billi l-użu mill-ġdid ikejluh f'konformità ma' metodoloġija komuni, li għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni.
- (2) Id-Direttiva 2008/98/KE tistabbilixxi wkoll obbligu biex l-Istati Membri jirrappurtaw *data* dwar l-użu mill-ġdid lill-Kummissjoni kull sena f'format li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni.
- (3) Il-metodoloġija komuni u l-format għar-rappurtar huma marbuta mill-qrib u għandhom jiġu applikati flimkien. Fl-interess tas-semplifika u l-faċilità tal-applikazzjoni, jixraq għalhekk li ż-żewġ miżuri jiġu adottati f'att wieħed.
- (4) Sabiex il-kejl u r-rappurtar ikunu preċiżi kemm jista' jkun, jenħtieġ li jiġi evitat l-għadd doppju tal-prodotti. Jenħtieġ li jingħaddu biss il-prodotti li fil-fatt qed jergġhu jintużaw. Il-prodotti li jiġu offruti biss għall-użu mill-ġdid, bħal prodotti li jingħataw b'donazzjoni lill-operaturi tal-użu mill-ġdid u prodotti oħra li l-użu mill-ġdid tagħhom mhuwiex ċert, jenħtieġ li ma jiġux inklużi fl-użu mill-ġdid imkejnel u rappurtat lill-Kummissjoni.
- (5) Minħabba l-limitazzjonijiet u d-diffikultajiet fil-ġbir tad-*data* dwar l-użu mill-ġdid minħabba l-ambitu wiesa' tal-kategoriji tal-prodotti u l-fatt li l-kejl tal-użu mill-ġdid huwa eżerċizzju ġdid u l-piżijiet amministrattivi assoċjati mal-ġbir tad-*data* dwar l-użu mill-ġdid, jenħtieġ li l-metodoloġija komuni għall-kejl u l-format għar-rappurtar ikunu proporzjonati, xierqa u kosteffiċjenti. Għalhekk, jenħtieġ li l-metodoloġija komuni tippermetti l-użu ta' varjetà ta' għodod għall-ġbir tad-*data* biex jitkejnel l-użu mill-ġdid.

⁽¹⁾ ĠU L 312 22.11.2008, p.3

- (6) Il-metodoloġija komuni jenħtieġ li tiffoka kemm jista' jkun fuq il-ġbir ta' *data* kwantitattiva dwar l-użu mill-ġdid sabiex tippermetti d-determinazzjoni tal-iskala tas-settur tal-użu mill-ġdid. Jenħtieġ li tali *data* kwantitattiva tinġabar fuq bażi regolari. Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet tal-Istati Membri filwaqt li jiġi żgurat li d-*data* mkejla u rrapportata tkun aġġornata biżżejjed, jenħtieġ li l-Istati Membri jkejlu l-użu mill-ġdid għal kategorija ta' prodotti partikolari mill-inqas darba kull tliet snin.
- (7) Sabiex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-miżuri dwar l-użu mill-ġdid u sabiex jinkiseb fehim aħjar tal-impatti tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jstimulaw l-użu mill-ġdid, jenħtieġ li l-metodoloġija komuni għar-rappurtar dwar l-użu mill-ġdid tippermetti wkoll l-identifikazzjoni ta' miżuri ewlenin li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid.
- (8) Sabiex jiġi mmonitorjat l-użu mill-ġdid u sabiex jinkiseb fehim aħjar tas-settur tal-użu mill-ġdid, jenħtieġ li r-rappurtar dwar l-użu mill-ġdid jinkludi taħlita ta' *data* kwalitattiva u kwantitattiva. Jenħtieġ li ċerta *data* tiġi rrapportata fuq bażi volontarja, inkluża d-*data* dwar l-użu mill-ġdid għal mezzi speċifiċi li permezz tagħhom prodott jibdel is-sjeda, biex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-aħjar prattiki u biex il-partijiet ikkonċernati involuti jkunu jistgħu jifhmu aħjar l-użu mill-ġdid.
- (9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Metodoloġija komuni għall-kejl tal-użu mill-ġdid

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2008/98/KE, l-Istati Membri għandhom ikejlu l-użu mill-ġdid billi jwettqu monitoraġġ kwalitattiv u kwantitattiv tal-miżuri dwar l-użu mill-ġdid.
2. Il-monitoraġġ kwalitattiv imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi identifikazzjoni u deskrizzjoni tal-miżuri dwar l-użu mill-ġdid u valutazzjoni tal-impatti tagħhom, jew tal-impatti mistennija tagħhom, abbażi tad-*data* disponibbli. Il-monitoraġġ kwalitattiv għandu jitwettaq kull sena.
3. Il-monitoraġġ kwantitattiv imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jitwettaq billi jitkejjel l-użu mill-ġdid iġġenerat mill-operaturi jew mill-unitajiet domestiċi tal-użu mill-ġdid skont kwalunkwe wieħed mill-metodi li ġejjin jew taħlita ta' dawk il-metodi jew kwalunkwe metodu ieħor ekwivalenti f'termini ta' rilevanza, rappreżentanza u affidabbiltà:
 - (a) il-kejl dirett tal-użu mill-ġdid bl-użu ta' apparat tal-kejl biex tiġi ddeterminata l-massa tal-prodotti użati mill-ġdid;
 - (b) il-kalkolu tal-bilanċ tal-massa tal-użu mill-ġdid abbażi tal-massa tal-inputs u l-outputs tal-prodotti f'operazzjonijiet tal-użu mill-ġdid;
 - (c) kwestjonarji u intervisti tal-operaturi jew tal-unitajiet domestiċi tal-użu mill-ġdid;
 - (d) djarji ta' individwi li jżommu regjistru jew regjistru ta' informazzjoni dwar l-użu mill-ġdid fuq bażi regolari.

Il-monitoraġġ kwantitattiv għal kategorija ta' prodott partikolari għandu jitwettaq mill-inqas darba kull tliet snin. L-ewwel monitoraġġ għandu jkopri l-kategoriji kollha tal-prodotti u għandu jitwettaq għall-ewwel perjodu ta' rappurtar imsemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 37(3) tad-Direttiva 2008/98/KE.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw l-affidabbiltà u l-preċiżjoni tad-*data* dwar l-użu mill-ġdid. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kejl tal-użu mill-ġdid imwettaq f'konformità mal-metodoloġija komuni stabbilita f'dan l-Artikolu jkun ibbażat fuq kampjun rappreżentattiv tal-popolazzjoni jew tal-operaturi jew tal-unitajiet domestiċi tal-użu mill-ġdid kif applikabbli.

*Artikolu 2***Rappurtar dwar l-użu mill-ġdid**

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-*data* u jippreżentaw ir-rapport tal-verifika tal-kwalità dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2008/98/KE fil-format stabbilit fl-Anness I.

*Artikolu 3***Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Virginijus SINKEVIČIUS
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

Formati għar-rappurtar dwar l-użu mill-ġdid

A. FORMAT GĦAR-RAPPURTAR DWAR ID-DATA KWALITATTIVA DWAR L-UŻU MILL-ĠDID

| | | Identifikazzjoni u deskrizzjoni tal-miżuri u, għar-ringiela 4, valutazzjoni kwalitattiva tal-impatti tagħhom, jew tal-impatti mistennija tagħhom |
|---|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 1 | Awtoritajiet pubbliċi prinċipalment responsabbli għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri (fl-ogħla livell amministrattiv) | |
| 2 | Prodotti indirizzati mill-miżuri | |
| 3 | Operazzjonijiet tal-użu mill-ġdid indirizzati mill-miżuri | |
| 4 | Kontenut tal-miżuri: — Miżuri loġistiċi mmirati biex jappoġġaw operazzjonijiet tal-użu mill-ġdid (eż. identifikazzjoni u indirizzar ta' ostakli u possibbiltajiet, għajnuma biex jittejbul-mudelli tal-ġbir għall-prodotti li jistgħu jerġġu jintużaw) — Miżuri ekonomiċi u fiskali, inkluż l-akkwist pubbliku — Miżuri edukattivi, inkluż kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni (eż. gruppi fil-mira, popolazzjoni koperta, territorju kopert, frekwenza) — Miżuri oħra bħal stabbiliment inkella appoġġ lil ċentri u netwerks akkreditati ta' tiswija u tal-użu mill-ġdid, jew ta' appoġġ għal mudelli ġodda ta' negozju bħal skemi ta' kondiviżjoni, tiswija u manifattura mill-ġdid | |
| 5 | Azzjonijiet meħuda għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-użu mill-ġdid permezz ta' indikaturi u miri kwalitattivi jew kwantitattivi skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2008/98/KE | |
| 6 | Oħrajn (speċifika) | |

B. FORMAT GĦAR-RAPPURTAR DWAR ID-DATA KWANTITATTIVA DWAR L-UŻU MILL-ĠDID

1. Użu mill-ġdid għal kull kategorija ta' prodott

| Kategorija tal-Prodott | mezz li permezz tiegħu l-prodotti użati mill-ġdid biddlu s-sjieda | | | | Użu mill-ġdid totali (f'tunnellati) |
|-----------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------|-----------------------------------|-----------------------------------------|-----------------------------------------------------|-------------------------------------|
| | Ħanut fiżiku/suq (f'tunnellati) | Pjattaforma online (f'tunnellati) | Riġal/donazzjoni privata (f'tunnellati) | Mezz ieħor (jekk jogħġbok speċifika) (f'tunnellati) | |
| Tessuti | | | | | |
| <i>Jekk jogħġbok ipprova informazzjoni dwar is-subkategoriji jekk disponibbli</i> | | | | | |
| Tagħmir elettriku u elettroniku | | | | | |

| | | | | | |
|-----------------------------------------------------------------------------|--|--|--|--|--|
| Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar is-subkategoriji jekk disponibbli | | | | | |
| Għamara | | | | | |
| Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar is-subkategoriji jekk disponibbli | | | | | |
| Materjal u prodotti tal-kostruzzjoni | | | | | |
| Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar is-subkategoriji jekk disponibbli | | | | | |
| Prodotti oħra li għalihom ġew adottati miżuri | | | | | |
| Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar is-subkategoriji jekk disponibbli | | | | | |

Noti:

Daħħal ringieli addizzjonali kif xieraq.

Il-kaxxi skuri: l-għoti tad-data hija fuq bażi volontarja.

2. Operaturi tal-użu mill-ġdid

| | |
|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--|
| L-għadd ta' operaturi tal-użu mill-ġdid fit-territorju tal-Istat Membru (jew l-għadd ta' operaturi li huma membri ta' ċentru jew netwerk akkreditat, jew stima tal-għadd totali ta' operaturi) | |
|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--|

Nota: l-għoti ta' din id-data hija fuq bażi volontarja.

C. FORMAT GĦAR-RAPPORT TA' VERIFIKA TAL-KWALITÀ

1. Obiettivi tar-rapport

L-obiettivi tar-rapport ta' verifika tal-kwalità huma dawn li ġejjin:

- li jiġu evalwati l-metodoloġiji għall-kejl tal-użu mill-ġdid;
- li tiġi evalwata l-kwalità tad-*data* rrappurtata dwar l-ammonti tal-użu mill-ġdid;
- li tiġi evalwata l-kwalità tal-proċessi tal-ġbir tad-*data*, inkluż l-ambitu u l-validazzjoni tas-sorsi tad-*data* amministrattiva u l-validità statistika tal-approċċi bbażati fuq l-istħarriġ;
- li jingħataw ir-raġunijiet għal bidliet sinifikanti bejn il-perjodi ta' rappurtar fid-*data* rrappurtata u li tiġi żgurata l-fiducia fil-preċiżjoni ta' dik id-*data*.

2. Informazzjoni ġenerali

Stat Membru:

Organizzazzjoni li tissottometti d-*data* u d-deskrizzjonijiet imsemmija fil-punti 3.1, 3.2 u 4.1:

Perjodu ta' rappurtar:

Data ta' konsenja/verżjoni:

Link għall-pubblikazzjoni tad-data mill-Istat Membru (jekk hemm):

3. Informazzjoni dwar il-kejl tal-użi mill-ġdid

- 3.1. *Deskrizzjoni ġenerali tas-sorsi ta' informazzjoni u d-data użati għar-rappurtar dwar il-miżuri dwar l-użu mill-ġdid f'konformità mat-taqsima A u tas-sorsi tad-data użati għar-rappurtar dwar l-ammont ta' prodotti użati mill-ġdid f'konformità mat-Taqsima B*

Jekk jogħġbok indika s-sors(i) tal-informazzjoni u tad-data.

- 3.2. *Deskrizzjoni dettaljata tal-metodi użati għar-rappurtar dwar il-miżuri dwar l-użu mill-ġdid skont it-taqsima A u għar-rappurtar dwar l-ammont ta' prodotti użati mill-ġdid skont it-Taqsima B*

Jekk jogħġbok iddeskrivi l-metodi għall-kejl tal-użu mill-ġdid. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi dawn li ġejjin:

- (a) deskrizzjoni tal-operazzjonijiet tal-użu mill-ġdid li huma inklużi fl-ambitu tal-użu mill-ġdid għall-finijiet tal-kejl;
- (b) deskrizzjoni qasira tal-metodi użati;
- (c) deskrizzjoni tal-metodi użati biex jiġu identifikati l-operaturi tal-użu mill-ġdid;
- (d) indikazzjoni tal-entitajiet li jipprovdu d-data rrappurtata fit-Taqsima B tar-rapport;
- (e) fil-każ ta' teħid ta' kampjuni jew ta' skalar, informazzjoni dwar id-daqs u l-għażla tal-kampjun jew tal-iskala u deskrizzjoni tal-metodi użati għal tali teħid ta' kampjuni jew ta' skalar;
- (f) f'każ li ntużat tabella ta' konverżjoni biex jiġi kkalkulat l-ammont ta' prodotti użati mill-ġdid f'tunnellati, informazzjoni dwar il-fatturi ta' konverżjoni użati;
- (g) meta jkunu ntużaw indikaturi jew miri kwalitattivi jew kwantitattivi msemmija fl-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2008/98/KE, l-informazzjoni dwar dawk l-indikaturi u dwar il-livell ta' dik il-mira u l-prodotti koperti minnha;
- (h) deskrizzjoni tal-kwistjonijiet ewlenin li jaffettwaw il-preċiżjoni tad-data, inkluż l-iżbalji relatati mal-kampjunar, mal-kopertura, mal-kejl, mal-ipproċessar u man-nuqqas ta' tweghiba;
- (i) deskrizzjoni tal-proċess tal-validazzjoni tad-data, inkluż sorsi possibbli ta' inċertezza u l-impatt probabbli tagħhom fuq ir-riżultati rrappurtati.

4. Notifika ta' bidliet u ta' problemi metodoloġiċi

- 4.1. *Deskrizzjoni tal-bidliet metodoloġiċi (jekk applikabbli)*

Jekk jogħġbok iddeskrivi l-bidliet metodoloġiċi sinifikanti fil-metodu tal-kalkolu għall-perjodu ta' rappurtar b'rabta mal-perjodu ta' rappurtar preċedenti, jekk hemm (jekk jogħġbok inkludi, b'mod partikolari, reviżjonijiet retrospettivi u n-natura tagħhom). Jekk jogħġbok iddeskrivi l-bidliet separatament għar-rappurtar f'konformità mat-taqsima A u r-rappurtar f'konformità mat-taqsima B.

- 4.2. *Spjegazzjoni tad-differenza fit-tunnellaġġ (jekk applikabbli)*

Jekk jogħġbok spjega l-kawżi tad-differenza fit-tunnellaġġ (liema kategoriji ta' prodotti jew stimi kkawżaw id-differenza, u x'inhi l-kawża sottostanti) meta l-varjazzjoni tkun akbar minn 20 % kif imqabbla mad-data ppreżentata għall-perjodu ta' rappurtar preċedenti.

- 4.3. *Notifika ta' problemi (jekk ikun hemm)*

F'każ li esperjenzajt problemi bil-għbir tad-data mitluba, jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni ta' dawk il-problemi.

5. Kunfidenzjalità

Jekk jogħġbok agħti l-ġustifikazzjoni biex partijiet speċifiċi ta' dan ir-rapport ma jiġux ippubblikati, jekk meħtieġ. Għal kull każ, jekk jogħġbok indika l-post preċiż ta' dawk il-partijiet (iċ-ċellola jew iċ-ċelloli rispettivi).

6. Siti web, dokumenti ta' referenza u pubblikazzjonijiet nazzjonali ewlenin

Jekk jogħġbok agħti l-links għas-siti web nazzjonali ewlenin, għad-dokumenti ta' referenza u għall-pubblikazzjonijiet dwar miżuri dwar l-użu mill-ġdid irrappurtati f'konformita mat-Taqsima A.

Jekk jogħġbok agħti l-links għas-siti web nazzjonali ewlenin, għad-dokumenti ta' referenza u għall-pubblikazzjonijiet użati għall-finijiet tar-rappurtar f'konformita mat-Taqsima B.
